A.L. 148 ta' l-1994

ORDINANZA DWAR IL-PROFESSJONI MEDIKA U L-PROFESSJONIJIET LI GĦANDHOM X'JAQSMU MAGĦHA (KAP. 31)

Regoli ta' l-1994 dwar il-Bord ta' l-Infermiera u l-Qwiebel (Proċedura dwar it-Tħassir ta' Ismijiet)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 117 ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, il-Bord ta' l-Infermiera u l-Qwiebel, bl-approvazzjoni tal-Ministru ta' l-Intern u Żvilupp Soċjali, għamel ir-regoli li ġejjin:

Titolu.

1. Dawn ir-regoli jistgħu jissejħu r-Regoli ta' l-1994 dwar il-Bord ta' l-Infermiera u l-Qwiebel (Proċedura dwar it-Tħassir ta' Ismijiet).

Tifsir.

2. F'dawn ir-regoli —

"Bord" tfisser il-Bord ta' l-Infermiera u l-Qwiebel stabbilit bl-Ordinanza dwar l-Organizzazzjoni tad-Dipartiment tas-Saħħa; Kap. 94.

"*Chairman*" tfisser iċ-*Chairman* tal-Bord ta' l-Infermiera u l-Qwiebel, u jinkludi, fil-każ ta' l-assenza taċ-*Chairman* minn laqgħa tal-Bord, il-membru li jaġixxi bħala *chairman* ta' dik il-laqgħa;

"akkuża" tfisser akkuża speċifikata f'avviż ta' inkjesta;

"avviż ta' inkjesta" għandha t-tifsir kif mogħti lilha bir-regola 5(1) ta' dawn ir-regoli;

"Ordinanza" tfisser l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha;

"eżerċitant" tfisser infermieri reġistrati jew iskritti fl-elenku jew qabla reġistrata jew iskritta taħt l-Ordinanza, u referenzi għall-eżerċitant, dwar kull kwerela jew rapport jew dwar kull proċediment, huma referenzi għall-eżerċitant li kontra tiegħu tkun mibgħuta lill-Bord kwerela jew rapport;

"Reġistratur" tfisser ir-Reġistratur tal-Bord ta' l-Infermiera u l-Qwiebel nominat skond id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (4) ta' l-artikolu 32 ta' l-Ordinanza dwar l-Organizzazzjoni tad-Dipartiment tas-Saħħa.

Ordnijiet skond l-artikoli 108 u 110 ta' l-Ordinanza.

3. Ebda ordni ma għandu jingħata skond l-artikoli 108 u 110 ta' l-Ordinanza ħlief minħabba xi inkjesta miżmuma skond id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regoli dwar l-akkuża jew l-akkużi formulati f'avviż ta' inkjesta notifikat skond l-imsemmija dispożizzjonijiet ta'

dawn ir-regoli lill-persuna li kontra tagħha l-akkuża jew l-akkużi tkun saret jew ikunu saru.

Kwereli u rapporti.

4. (1) Meta —

(a) kwerela bil-miktub illi eżerċitant ikun instab ħati minn xi Qorti f'dawn il-Gżejjer ta' xi delitt li għalih hemm piena ta' priġunerija għal xi żmien li jkun iżjed minn sena jew ta' xi wieħed mid-delitti msemmija fl-artikoli 198 sa 209 tal-Kodiċi Kriminali tiġi mibgħuta lill-Bord minn xi korp jew persuna, jew rapport bil-miktub li eżerċitant ikun ġie hekk misjub ħati jiġi mibgħut lill-Bord minn persuna li jkollha kariga pubblika, jew

Kap. 9.

(b) kwerela bil-miktub dwar il-kondotta ta' eżerċitant tkun ġiet mibgħuta lill-Bord minn xi korp jew persuna, jew rapport bil-miktub dwar il-kondotta ta' eżerċitant tkun ġiet mibgħuta lill-Bord minn persuna li jkollha kariga pubblika, jew

(ċ) kwerela bil-miktub illi eżerċitant ma jkunx tajjeb li jkompli jeżerċita l-professjoni tiegħu minħabba mard mentali jew fiżiku tiġi mibgħuta lill-Bord minn xi korp jew persuna, jew rapport bil-miktub dwar l-inkapaċità ta' eżerċitant li jkompli jeżerċita l-professjoni tiegħu minħabba r-raġunijiet fuq imsemmija jiġi mibgħut lill-Bord minn persuna li jkollha kariga pubblika,

ir-Reġistratur għandu jissottometti l-kwerela jew ir-rapport liċ-*Chairman*.

(2) Safejn kwerela tirreferi għal kondotta jew inkapaċità minħabba mard ma għandhiex titmexxa aktar 'il quddiem kemm-il darba u sakemm ma tiġix konfermata permezz ta' dikjarazzjoni bil-ġurament; u kull dikjarazzjoni bħal dik —

(a) għandha turi l-indirizz u d-deskrizzjoni tad-dikjarant, u

(b) jekk xi fatt dikjarat ma jkunx jaf bih personalment id-dikjarant, għandha turi l-oriġini tat-tagħrif tad-dikjarant u r-raġunijiet għat-twemmin tiegħu dwar il-verità tal-fatt.

(3) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu li jaħbat l-aħħar qabel dan, iċ-*Chairman* għandu jordna lir-Reġistratur biex jinnotifika lill-eżerċitant li tkun ġiet riċevuta l-kwerela jew ir-rapport, u jgħid is-sustanza tal-kwerela jew rapport u jibgħat lill-eżerċitant kopja ta' kull dikjarazzjoni ġuramentata mogħtija skond l-aħħar paragrafu li jaħbat l-aħħar qabel dan, u jitlob lill-eżerċitant biex jissottometti lill-Bord, għeluq dak il-perijodu ta' żmien li ma jkunx ta' aktar minn erba' ġimgħat, kull spjega li l-eżerċitant ikun jista' jagħti; u kull spjegazzjoni bħal dik għandha tkun bil-miktub u għandha tasal għand ir-reġistratur għeluq iż-żmien stabbilit miċ-*Chairman*:

Iżda, madankollu, safejn kwerela jew rapport jirreferi għal kondotta, jekk ma jkunx jidher liċ-*Chairman* li jkun diskutibbli jekk dik il-kondotta tikkostitwix kondotta bla ġieh f'imġieba professjonali, huwa għandu jordna lir-Reġistratur biex jirreferi dik il-kwerela jew rapport

lill-Bord jew biex jiddeċiedi illi l-kwerela jew rapport ma għandhomx jitmexxew aktar 'il quddiem jew biex jordna lir-Reġistratur li jinnotifika lill-eżerċitant skond id-dispożizzjonijiet ta' dan il-paragrafu.

(4) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li jaħbtu qabel ta' din ir-regola, iċ-*Chairman* għandu jordna lir-Reġistratur biex jibgħat għal inkjesta kwerela jew rapport lill-Bord flimkien ma' kull spjega mogħtija wara mill-eżerċitant u kull dikjarazzjoni ġuramentata mogħtija skond il-paragrafu (2) ta' din ir-regola.

(5) F'din ir-regola l-frażi "persuna li jkollha kariga pubblika" tfisser uffiċjal ta' Dipartiment tal-Gvern jew awtorità pubblika li taġixxi bħala hekk, jew kull persuna li jkollha kariga ġudizzjarja jew kull uffiċjal li jkun ma' qorti.

Avviż ta' inkjesta.

5. (1) Kemm jista' jkun malajr wara li kwerela jew rapport ikun ġie mibgħut lill-Bord skond id-dispożizzjonijiet ta' qabel u kemm-il darba l-Bord ma jkunx sodisfatt għal kollox bl-ispjegazzjoni miktuba ta' l-eżerċitant, ir-Reġistratur għandu jinnotifika lill-eżerċitant b'avviż (f'dawn ir-regoli msejjaħ "avviż ta' inkjesta") li għandu —

(a) jispeċifika, fil-forma ta' akkuża jew akkużi. il-ħwejjeġ li dwarhom l-inkjesta tkun ser tinżamm, u

(b) jgħid id-data, il-ħin u l-post li fihom l-inkjesta tkun ser tinżamm.

(2) L-inkjesta ma għandhiex tiġi appuntata għal xi data qabel tmint ijiem wara d-data ta' l-avviż ta' inkjesta.

(3) Avviż ta' inkjesta għandu jkun fil-forma murija fil-Formula A li hemm fl-Iskeda li tinsab ma' dawn ir-regoli, b'dik it-tibdil kif iċ-ċirkostanzi jistgħu jeħtieġu.

(4) Għandha tintbgħat ma' kull avviż ta' inkjesta kopja ta' dawn ir-regoli.

(5) Kopja ta' l-avviż ta' inkjesta għandha tiġi notifikata lill-kwerelant jew lil min ikun bagħat ir-rapport.

Ġurnata u ħin ta' inkjesta.

6. Iċ-*Chairman* għandu jistabbilixxi l-ġurnata u l-ħin biex issir inkjesta skond l-artikoli 108 u 110 ta' l-Ordinanza.

Avviż difettuż.

7. (1) Meta qabel is-smigħ ta' inkjesta jkun jidher liċ-*Chairman,* jew f'xi stadju tas-smigħ ikun jidher lill-Bord, illi l-avviż ta' inkjesta ikun difettuż, iċ-*Chairman* jew il-Bord, skond il-każ, għandu jagħti ordnijiet għall-emenda ta' l-avviż skond kif jidhirlu meħtieġ kemm-il darba, wara li jittieħed kont tal-meriti tal-każ, l-emendi meħtieġa jkunu jistgħu jsiru mingħajr inġustizzja.

(2) Meta fil-fehma taċ-*Chairman* jew tal-Bord ikun spedjenti minħabba fl-eżerċizzju minnu tas-setgħat mogħtija bl-aħħar paragrafu ta' qabel dan, illi l-inkjesta għandha tiġi posposta jew differita, iċ-

Chairman jew il-Bord, skond il-każ, għandu jagħti dawk l-ordnijiet għal hekk li jidhirlu meħtieġa.

Proċeduri fil-pubbliku.

8. Il-proċeduri quddiem il-Bord għandhom jinżammu fil-pubbliku; iżda l-Bord jista', meta jidhirlu meħtieġ jew xieraq, jordna illi l-proċeduri jinżammu privatament.

Astensjoni jew rikuża.

9. (1) Kull membru tal-Bord u r-Reġistratur għandu jastjeni ruħu milli jieħu sehem f'xi inkjesta jew jista' jiġi rikużat f'kull waħda miċ-ċirkostanzi li fiha mħallef jastjeni jew jista' jiġi rikużat skond id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 734 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

Kap. 12.

(2) Kull rikuża bħal dik ma tkunx ammissibbli kemm-il darba din ma ssirx qabel il-qari mir-Reġistratur ta' l-akkuża jew l-akkużi lill-eżerċitant.

(3) Il-Bord għandu jiddeċiedi l-oġġezzjoni qabel il-qari ta' l-imsemmija akkuża jew akkużi u d-deċiżjoni tiegħu tkun finali.

Għajnuna legali u għajnuna oħra.

10. (1) Kull parti f'kull proċedura quddiem il-Bord tista' tiġi mgħejjuna minn Avukat. L-eżerċitant jista' jkun ukoll mgħejjun minn membru tal-professjoni tiegħu, li ismu jkun jidher fir-reġistru propizju jew ikun iskritt fl-elenku propizju, jew minn prokuratur legali.

(2) Iċ-*Chairman* għandu jgħarraf bid-disposizzjonijiet ta' din ir-regola lil kull parti fil-proċedimenti li tidher quddiem il-Bord mingħajr xi għajnuna bħal dik.

Qari ta' l-akkuża.

11. Il-proċedimenti ta' l-inkjesta għandhom jibdew bil-qari mir-Reġistratur ta' l-akkuża jew l-akkużi. Wara dan iċ-*Chairman* għandu jagħmel lill-eżerċitant il-mistoqsija jekk jammettix jew jiċħadx l-akkuża jew l-akkużi.

Ammissjoni jew ċaħda.

12. (1) Jekk l-eżerċitant jammetti l-akkuża jew l-akkużi l-Bord jista', fid-diskrezzjoni tiegħu, jiddispensa mill-produzzjoni ta' xhieda u jgħaddi biex jagħti d-deċiżjoni tiegħu f'dik il-ġurnata jew f'xi ġurnata oħra stabbilita għal dak l-għan.

(2) Jekk l-eżerċitant jiċħad l-akkuża jew l-akkużi l-Bord għandu jkompli bl-inkjesta.

(3) Jekk l-eżerċitant jonqos milli jattendi mingħajr raġuni ġusta u l-Bord ikun sodisfatt illi l-avviż ta' inkjesta jkun intbagħat kif meħtieġ b'dawn ir-regoli, il-Bord jista', jekk jidhirlu xieraq, ikompli bl-inkjesta wkoll fin-nuqqas tiegħu:

Iżda, jekk l-eżerċitant ma jkunx jista' jattendi minħabba raġuni ġusta, hu jista', jekk ikun jippreferixxi hekk, jitlob li l-inkjesta titkompla u jinnomina waħda mill-persuni msemmija fil-paragrafu (1) tar-regola 10 biex tirrapreżentah fil-proċedimenti.

13. Il-proċedimenti dwar inkjesta jkunu dawn li ġejjin:— Proċedimenti.

(a) Xhieda b'sustenn ta' l-akkuża għandhom ikunu prodotti u eżaminati mill-parti li tipproduċihom jew fin-nuqqas tagħha mill-Bord u kontro-eżaminati mill-eżerċitant; wara dan kull membru tal-Bord ikun jista' jagħmel mistoqsijiet kif jifhirlu meħtieġ.

(b) Ix-xhieda tad-difiża għandhom jinstemgħu u f'każ li l-eżerċitant jixtieq jagħti ix-xiehda tiegħu, jista' jagħmel hekk kemm-il darba x-xiehda tiegħu tingħata qabel dik ta' kull xhud li jkun ser jiġi prodott minnu. Ix-xhieda għandhom ikunu eżaminati mill-eżerċitant u kontro-eżaminati minn kull parti oħra fil-proċedimenti; wara dan kull membru tal-Bord ikun jista' jagħmel mistoqsijiet kif jidhirlu meħtieġ.

(ċ) Meta l-provi kollha jkunu ġew magħmula, l-eżerċitant jista', personalment jew permezz tal-persuna li minnha jkun mgħejjun, jindirizza lill-Bord u jagħmel id-difiża tiegħu.

(d) Il-Bord għandu wara dan jagħti d-deċiżjoni tiegħu f'dik il-ġurnata jew f'xi ġurnata oħra stabbilita għal dak l-għan.

(e) Il-Bord ma jkunx prekluż f'kull stadju tal-proċedimenti, sakemm tingħata d-deċiżjoni tiegħu, milli jerġa' jisma' xi xhud jew milli jitlob li jingħiebu xi dokumenti.

14. Fil-każijiet kollha meta l-Bord ikun sodisfatt illi l-akkuża jew l-akkużi ma jkunux ġew pruvati, il-Bord għandu jiddeċiedi skond hekk u għandu jniżżel deċiżjoni li l-akkuża jew l-akkużi ma jkunux ġew pruvati u illi l-eżerċitant jkun jew ma jkunx ħati dwar il-ħwejjeġ li għalihom l-akkuża jew l-akkużi jirreferu. Akkuża mhux pruvata.

15. (1) Id-deċiżjonijiet tal-Bord għandhom jingħataw fil-pubbliku u bil-miktub; għandhom ikunu iffirmati miċ-*Chairman*. Id-deċiżjonijiet jingħataw fil-pubbliku u bil-miktub.

(2) L-oriġinal għandu jinżamm mir-Reġistratur, flimkien mal-proċess sħiħ ta' l-inkjesta.

16. Meta skond xi waħda mid-dispożizzjonijiet ta' qabel ta' dawn ir-regoli l-inkjesta tkun differita għal xi laqgħa wara, il-validità tal-proċedimenti f'dik il-laqgħa ma għandhiex tiġi attakkata minħabba biss illi l-membri tal-Bord li kienu preżenti fil-laqgħa ta' qabel ma kienux preżenti fil-laqgħa ta' wara jew illi membri tal-Bord li kienu preżenti fil-laqgħa ta' wara ma kienux preżenti fil-laqgħa ta' qabel. Validità ta' proċedimenti.

17. Ir-Reġistratur għandu jinnotifika mingħajr dewmien lill-eżerċitant kopja tad-deċiżjoni tal-Bord. Kopja tad-deċiżjoni.

18. L-avviż lil xi persuna biex tidher quddiem il-Bord biex tagħti xiehda u/jew biex tipproduċi dokumenti għandu jkun skond il-forma murija fil-Formula B li hemm fl-Iskeda li tinsab ma' dawn ir-regoli. Formula ta' taħrik tax-xhieda.

19. Kull avviż imsemmi f'dawn ir-regoli għandu jkun iffirmat miċ-*Chairman* u jiġi notifikat skond id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 115 ta' l-Ordinanza: Firma u notifika ta' avviż.

Iżda kull avviż maħruġ skond ir-regola 18 għandu jiġi notifikat skond id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 118 ta' l-Ordinanza.

Setgħa tal-Bord.

20. Tkun setgħa tal-Bord matul il-proċedimenti —

(a) li jżomm il-bon ordni, u

(b) li jirregola d-diskussjoni.

Diskussjonijiet konfidenzjali.

21. Il-membri tal-Bord u r-Reġistratur ma għandhom jikxfu ebda ħaġa diskussa mill-Bord waqt l-inkjesta.

Proċedimenti oħra.

22. Salv kif provdut espressament xort'oħra, il-Bord għandu jirregola l-proċeduri tiegħu stess.

SKEDA

FORMULA A

Regola 5(3)

BORD TA' L-INFERMIERA U L-QWIEBEL

Avviż ta' Inkjesta

Lil _____ (data)

_____

Jiena b'dan nagħtik avviż illi l-Bord ta' l-Infermiera u l-Qwiebel ordna Inkjesta biex jikkunsidra u jiddeċiedi l-akkuża/l-akkużi imputata/i lilek, jiġifieri

_____

_____

Inti qegħda b'dan tiġi mgħarrfa illi l-ewwel seduta ta' l-imsemmija Inkjesta sejra tinżamm nhar _____ il-_____ 19 ____ fil-_____ il-_____ .

Kopja tar-Regoli ta' l-1994 dwar il-Bord ta' l-Infermiera u l-Qwiebel (Proċedura dwar it-Tħassir ta' l-Ismijiet) hija annessa biex tagħraf timxi.

Inti mwissija illi n-nuqqas min-naħa tiegħek li tidher mingħajr ma tagħti spjega xierqa għan-nuqqas tiegħek ma jtellifx lill-Bord ta' l-Infermiera u l-Qwiebel milli jkompli l-Inkjesta fin-nuqqas tiegħek.

Chairman
Bord ta' l-Infermiera u l-Qwiebel

FORMULA B

Regola 18

BORD TA' L-INFERMIERA U L-QWIEBEL

Avviż lil Persuna biex tagħti x-xiehda u/jew biex tipproduċi dokumenti, eċċ.

Lil _____ (data)

_____

Inti b'dan meħtieġa tattendi quddiem il-Bord ta' l-Infermiera u l-Qwiebel nhar _____ il-_____ 19 ____ fil-_____ il-_____ u hekk f'kull ġurnata oħra li għaliha s-smiegħ ikun ġie differit, biex tagħti x-xiehda u/jew tipproduċi d-dokumenti li ġejjin _____ fil-kwistjoni ta' Inkjesta li qed issir kontra _____ .

Inti mwissija illi jekk tonqos li tattendi kif hawnhekk meħtieġ tista' tehel il-penalitajiet skond il-liġi.

Chairman
Bord ta' l-Infermiera u l-Qwiebel